**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 211/14/1RGM

Kawza fil-lista: 5

**A B**
**vs**
**L-Avukati Dr Anthony Stellini u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti li b'digriet tal-5 ta' Awwissu 2014 gew appuntati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D E B u permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2015 l-Avukat Anthony Stellini gie sostitwit bl-Avukat Alessandro Lia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2014 fejn hija talbet li t-talba taghha ghas-separazzjoni (Rik Gur. Nru: 211/2014) titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju;

Rat illi l-konvenut huwa assenti minn Malta u huwa debitament rapprezentat f'dawn il-proceduri permezz ta' kuraturi deputati;

Rat illi ma giet ipprezentata ebda risposta ghar-rikors odjern;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fil-31 ta' Awwissu 2016;

Rat in-nota (Dok A) pprezentata mill-avukat tal-attrici Dr Simon Micallef Stafrace, ai termini tal-Artiklu 66G tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici bil-gurament illi l-konvenut abbandunaha f'Settembru tas-sena 2010 billi telaq minn Malta u prezentement huwa ghadu assenti minn Malta, b'dan illi fid-data tal-odjern rikors, il-partijiet kienu ilhom ma jghixu flimkien ghal perijodu ta' izjed minn erba` snin;

Rat illi sal-lum ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-partijiet;

Rat l-Artiklu 66B u 66F tal-Kodiċi Ċivili;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

*"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.*

*Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju."*

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta li r-rekwiziti mitluba bl-artikolu 66B tal-Kap. 16 huma sodisfatti u fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-konvenut jew il-kuraturi deputati ghan-nom tieghu, it-talba ghall-konverzjoni timmerita li tigi akkolta.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-attrici tat-12 ta' Dicembru 2014, u tordna li t-talba taghha għall-pronunzjament tas-separazzjoni

personali bejn il-partijiet titqies bħala talba għal divorzju skond l-Artikolu 66F fuq imsemmi.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef** **Deputat Registratur**